PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0222/2010**

30.6.2010

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (Kodifikazzjoni)
(COM(2010)0204 – C7-0112/2010 – 2010/0110(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Lidia Joanna Geringer de Oedenberg

(Kodifikazzjoni – Artikolu 86 tar-Regoli ta' Proċedura)

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa **grassa**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .......... 5

ANNESS: OPINJONI TAL-GRUPP TA’ ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI ........ 6

PROĊEDURA ........................................................................................................................ 7

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (Kodifikazzjoni) (COM(2010)0204 – C7-0112/2010 – 2010/0110(COD))**

**(Proċedura ta' kodeċiżjoni – kodifikazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0204),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 46 tat-Trattat FUE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0112/2010),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat FUE,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta’...,

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 fuq metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 86 u 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0222/2010),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali,

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jadotta l-proposta tal-Kummissjoni, kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

ANNESS: OPINJONI TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV TAS-SERVIZZI LEGALI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV
TAS-SERVIZZI LEGALI

Brussell, l-4 ta' Ġunju 2010

**OPINJONI**

**GĦALL-ATTENZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**
**TAL-KUNSILL**
**TAL-KUMMISSJONI**

**Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (kodifikazzjoni)**
**COM(2010)204 tal-5.5.2010 – 2010/0110(COD)**

Fid-dawl tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat bil-għan li ssir kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi, u b'mod partikulari l-punt 4 tiegħu, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv li jikkonsisti fis-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ltaqa' fit-12 ta' Mejju 2010 bl-iskop li jeżamina l-proposta msemmija hawn fuq, li tressqet mill-Kummissjoni.

Waqt l-eżami[1] tal-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill intenzjonata li tikkodifika r-Regolament tal-Kunsill Nru 1612/68/KEE tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan il-Komunità, il-Grupp, bi qbil komuni, innota li l-proposta effettivament tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi, mingħajr tibdil sustanzjali tal-atti li hija tittratta.

| | | |
|---|---|---|
| C. PENNERA | J.-C. PIRIS | L. ROMERO REQUENA |
| Ġurikonsult | Ġurikonsult | Direttur Ġenerali |

[1] Il-Grupp kellu għad-dispożizzjoni tiegħu 22 verżjoni lingwistika tal-proposta u ħadem fuq il-bażi tal-verżjoni Franċiża, il-verżjoni oriġinali tad-dokument ta' ħidma.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni - Kodifikazzjoni |
| **Referenzi** | COM(2010)0204 – C7-0112/2010 – 2010/0110(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 5.5.2010 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | JURI<br>19.5.2010 |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Lidia Joanna Geringer de Oedenberg<br>9.6.2010 |
| **Data tal-adozzjoni** | 23.6.2010 |